Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10076 — Cinven/Raffles/Miller)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 31/09)

1. Fil-21 ta' Jannar 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Cinven Capital Management (SFF) General Partner Limited ("Cinven") (Guernsey),

— Raffles Private Holdings Limited ("Raffles") (ir-Renju Unit), ikkontrollata minn GIC Private Limited ("GIC") (ir-Renju Unit),

— Miller Insurance Services LLP ("Miller") (ir-Renju Unit).

Cinven u Raffles jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Miller.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Cinven hija negozju ta' ekwità privata primarjament attiva fil-forniment ta' servizzi ta' ġestjoni u konsulenza lil fondi ta' investiment.

— Raffles hija veikolu ta' investiment tal-GIC, li tiġġestixxi portafoll globali diversifikat ta' investimenti f'ekwità privata, kapital ta' riskju u fondi infrastrutturali, kif ukoll investimenti diretti f'kumpaniji privati.

— Miller hija attiva fil-forniment ta' servizzi ta' senserija tal-assikurazzjoni u r-riassikurazzjoni mhux tal-ħajja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10076 — Cinven/Raffles/Miller

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË